KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 15#28/03/07/V**

# MINUTI TAL-ĦMISTAX (AD HOC) IL-SEDUTA

**Il-ħmistax il seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 28 ta' Marzu, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Ezekuttiv :** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda:

1. **Deċiżjoni dwar it-torri ta' 32 sular fil-proġett *TownSquare***
2. **Proposta ta' Bicycle Lane matul Triq it-Torri**

## 1. DEĊIŻJONI DWAR IL-PROĠETT PROPOST TA' *TOWNSQUARE*

1.1 Is-segretarju eżekuttiv qara l-*email* li kien irċieva mingħand il-*Case Officer* tal-MEPA dwar il-proġett propost ta' *TownSquare* fejn spjega r-raġunijiet għalfejn il-MEPA ma ħassitx li kellha tattendi għal din is-seduta. Ġew ippreżentati kopji tal-*Project Description Statement* lill-kunsilliera liema dokumenti l-kunsill kien ipprova jottjeni minn fuq il-*website* tal-kunsill waqt is-seduta preċedenti. Il-kunsillier M. Briguglio qal li ħadd ma kien informah li dawn id-dokumenti kienu jinsabu fil-kunsill liema dokumenti kienet saret riferenza għalihom fis-seduta preċedenti. Is-sindku qalet li l-*Project Description Statement* kien wasal fil-kunsill fis-26 ta' Jannar 2007 u dakinhar stess kienet intbagħtet email mill-kunsill sabiex tgħarraf lill-kunsilliera kollha dwar dawn id-dokumenti iżda ħadd ma kien ġie jistaqsi għalihom u li d-*deadline* imposta mill-MEPA lill-kunsill fuq dawn id-dokumenti issa skadiet. Is-



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

sindku ppreżentat kopja ta' din l-email li kienet rċeviet (kopja mehmuża). Il-kunsillier M Briguglio sostna li huwa kien irrefera għal dan id-dokument fis-seduta preċedenti minħabba li ma kienx jaf li kien hemm *deadline* impost. mil-MEPA.

Il-kunsillier M Brigiglio spjega li hemm tlett *deadlines* imposti mill-MEPA fuq dan il-proġett li huma l-*Project Description Statement*, l-*Environment Impact Assessment*, u d-deċiżjoni finali. Il-kunsillier M. Briguglio ssuġġerixxa li għandha ssir konsultazzjoni pubblika u l-kunsillier L. Vella rrisponda li jrid ikollna preżenti xi ħadd li jista jispjega. Il-kunsillier M. Briguglio żied jgħid li din iż-żona qiegħda mmarkata fil-Pjan Lokali għal *High Rise Buildings.*

Is-sindku pproponiet din il-mozzjoni:

**Il-kunsill iħoss li l-applikazzjoni għal torri ta' 32 sular fil-proġett ta' *Townsquare* hija esaġerata u li l-kunsill għandu joġġezzjona li jinħareġ permess mill-MEPA fuq dan l-għoli propost.** √
Il-kunsillier L Vella ssekonda din il-mozzjoni. Kien hemm qbil unanimu favur din il-mozzjoni.

**Il-kunsillier M. Briguglio ppropona li għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika fil-presenza ta' uffiċjal tal-MEPA liema laqgħa għandha ssir f'Tas-Sliema.** Il-kunsillier M. Debono ssekonda din il-mozzjoni. Kien hemm qbil unanimu favur din il-mozzjoni. √

**Il-kunsillier M. Debono ppropona li din il-laqgħa ta' konsultazzjoni għandha ssir xorta fil-każ li l-MEPA tirrifjuta li tkun preżenti għal din il-laqgħa.** Il-kunsillier M. Briguglio ssekondah. Il-votazzjoni kienet 3 Favur 6 Kontra
Il-mozzjoni m'għaddietx.

**Il-kunsillier M. Debono ppropona li l-kunsill joġġezzjona għall-bini ta' 23 sular fil-proġett ta' *Fort Cambridge* liema proġett ngħata permess mill-MEPA u li huwa kontra d-*development brief* li nħareġ mill-Parlament u għalhekk illegali.** Il-kunsillier M. Briguglio ssekonda. Il-votazzjoni kienet 3 Favur 6 Kontra.
Il-mozzjoni m'għaddietx.

Is-sindku kkumentat li diġa' hemm permess u għalhekk hija ivvotat kontra. Apparti minn hekk is-sindku qalet li dan is-suġġett huwa *Out Of Order.*

Il-kunsillier M. Briguglio qal li kien iltaqa mal-perit tal-MTA u kien kellmu dwar il-proġett tal-*Beach Development* u ppropona li għandha ssir laqgħa pubblika dwar dan.

Il-kunsillier L. Vella kien skużat fil-5.20 p.m.

Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti li għandha ssir laqgħa nhar l-Erbgħa 2 ta' Mejju 2007 fil-5.00 p.m fl-uffiċċji amministrattivi tal-kunsill u li għandhom jinħarġu l-avviżi relatati u dan kollu wara li nikkonfermaw l-attendenza tal-perit tal-MTA għal din il-laqgħa. √

## 2. PROPOSTA TA' BICYCLE LANE MATUL TRIQ IT-TORRI

2.1 Il-kunsillier M. Debono spjega li hemm bżonn li ssir din il-*bicycle lane* liema wiesha trid tkun ta' metru. Il-kunsillier M. Debono qal li kien iltaqa ma uffiċċjal ta' l-ADT u li l-ADT għandhom kull intenzjoni li jintroduċu din il-*bicycle lane* matul triq it-Torri. Saret diskussjoni dwar dan is-suġġett. Is-sindku qalet li rridu noqogħdu attenti sabiex ma niġux ikkritikati li din il-*lane* se tiġi dejqa u staqsiet min se jwettaq dan il-proġett filwaqt li sostniet li hija mhijiex kontra dan il-proġett. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti, li l-kunsill għandu jibgħat ittra lil ADT fejn ngħidu li l-kunsill jaqbel mal-proposta ta' *bicycle lane* filwaqt li jirringrazzjahom għas-suġġerimenti u għall-laqgħat kollha li kienu saru dwar dan il-proġett. Il-kunsill qabel ukoll li matul is-sena kollha, ikun hemm restrizzjonijiet għall-użu ta' din il-*lane* mis-7.30p.m. sal-11.30 p.m.

***Kien hemm qbil unanimu li jiġu diskussi xi punti oħra waqt din il-laqgħa.***

3. Saret diskussjoni dwar il-petizzjoni li kienet ġiet ippreżentata lill-kunsill sabiex il-kunsill jieħu l-azzjonijiet neċessarji kontra s-Soċjeta Mużikali San Girgor minħabba x-xogħol li qiegħed isir fi triq Nicolo' Isouard u l-installazjoni reċentament ta' żewġ arbli tal-bnadar minkejja li l-MEPA ma approvatx l-applikazzjoni tagħhom għall-bar u għall-każin. Saret riferenza għall-minuti tal-kunsill ta' seduta preċedenti fejn ġie kkonfermat li l-kunsill kien iddeċieda li ma jistax jieħu posizzjoni rigward l-applikazzjoni PA 04171/06 li kienet tikkonċerna bdil ta' propjeta' residenzjali għall-każin San Girgor fi triq Isouard, u li filfatt kien bgħat iż-żewġ kopji tal-minuti lill-MEPA, tal-laqgħat li kienu saru kemm mar-residenti kif ukoll mal-membri tal-każin. Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill lokali għandu jibgħat ittra lill-MEPA sabiex jiċċekkjaw jekk ix-xogħol li qed jitwettaq minn din is-soċjeta' fl-imsemmija triq huwiex regolari flimkien ma kopja ta' l-istess petizzjoni. Kien hemm qbil unanimu wkoll sabiex nibagħtu kopja ta' l-ittra lir-residenti kollha li qegħdin imsemmija fil-petizzjoni filwaqt li għandna niċċaraw ukoll mar-residenti l-punt imsemmi fit-tieni paragrafu li l-kunsill ma kienx approva l-applikazzjoni iżda sempliċiment kien iddeċieda li ma jinvolvix ruħu f'din l-applikazzjoni. Fuq dan il-punt is-sindku semmiet li meta l-membri tal-każin ġew japplikaw għal permess, dak il-ħin stess il-Kunsill kien iċċekja mal-MEPA, fejn kienu nfurmawna li ma kienx hemm bżonn ta' permess għal dawk ix-xogħlijiet li kienu qegħdin jagħmlu.

4. Ġie deċiż li l-laqgħa annwali tal-kunsill issir nhar il-Ġimgħa 27 t'April 2007 fis-6.00p.m. minflok fl-20 t'April 2007.

5. Is-sindku nfurmat lill-kunsilliera preżenti li se ssir laqgħa tal-kunsill nhar il-Erbgħa 9 ta' Mejju 2007 sabiex jiġu approvati l-*Annual Financial Statements*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan fost il-kunsilliera preżenti.

6. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-pjanti li kienu ġew ippreparati mill-kunsillier M. Debono għall-proġett fi triq Dingli. Il-kunsilliera preżenti rringrazzjaw lill-kunsillier Debono ta' dawn il-pjanti.

*Il-kunsillier M. Briguglio kien skużat milli jkompli jattendi s-seduta fil-5.55 p.m.*

6.1 Minħabba li l-kunsill għandu jissottometti d-dokumenti kollha sa nhar il-Ġimgħa 30 ta' Marzu 2007, il-kunsillier M. Debono qal li se jagħmel l-almu tiegħu sabiex jagħti lill-kunsill stima tal-proġett ħalli tkun tista tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA fiż-żmien stipolat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7. Is-segretarju eżekuttiv spjega li wara li saret laqgħa mal-perit u l-avukat tal-kunsill dwar is-sejħiet għall-offerti dwar infrastruttura, kien ġie ssuġġeriet lill-kunsill li għandhom jinħarġu erba *tenders* separatament li huma:

- *Resurfacing of Roads*
- *Supply of Construction Material*
- *Construction of Pavements and Culverts*
- *Patching works.*

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

8. Ġie approvat bukkett fjuri għal Jum il-Ħelsien.

9. Is-sindku spjegat il-punti dwar il-laqgħa li kienet saret dakinhar stess mas-sur Ray Abela (TCTC) sabiex il-kunsill lokali jorganizza korsijiet tal-kompjuter.

*Il-kunsillier M. Azzopardi kienet skużata milli tkompli tattendi l-laqgħa fis-6.05 p.m.*

9.1 Saret diskussjoni dwar it-tipi ta' korsijiet offruti mingħand it-TCTC kif ukoll dwar l-iktar post idejali fejn jistgħu jsiru dawn il-korsijiet. Is-sindku spjegat li hemm 4 tipi ta' korsijiet offruti iżda l-iktar wieħed idejali huwa l-Learn IT . Ġie deċiż li l-kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet b'xejn lir-residenti fejn il-kunsill se jkun qiegħed iħallas is-somma ta' Lm 475 kif ukoll l-ispejjeż tal-post ta' fejn se jsiru dawn il-korsijiet filwaqt li għadna nagħmlu l-aħjar promozzjoni possibbli għal dawn il-korsijiet.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.15 p.m.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 t'April, 2007 fl-4.30pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**